MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2003

Numru 498/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**VS**

**ERNEST GRIMA**

**Illum 16 ta’ Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ernest Grima ta’ 22 sena, bin John u Kristina mitwielda Vella, imwieled tal-Pieta’ fit-30 ta’ Ottubru 1981, u joqghod 23, Triq il-Qamh, Fuq l-Gholja, Mellieha, li ghandu numru tal-karta ta’ l-identita’ 592881 (M);

Talli matul il-lejl ta’ bejn it-3 ta’ Gunju 2002, u l-4 ta’ Gunju 2002, waqt li kien fil-post maghruf bhala Qasam Barrani limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq ta’ zewg kaxxi mimlija bil-friegh tan-nahal li b’kollox jiswew Lm580 liema serq hu aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ Arnold Grech minn H’Attard.

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 278;

U wara li rat ix-xhieda prodotta;

Ikkonsidrat:

Illi l-kaxxi indikati mix-xhud Arnold Grech, li huwa l-kwerellant, ix-xhud principali tal-Prosekuzzjoni, bhala mehuda mill-fond propjeta’ tieghu, huma dawk l-istess kaxxi individwati mill-istess Grech bhala l-propjeta’ ta’ l-akkuzat Ernest Grima.

Il-Qorti qeghda tikkwota dak diga’ kwotat mill-abbli difiza u cioe’ li fejn jekk fil-kaz ta’ plegg jew garanzija jew affarijiet simili, huwa impossibbli li wiehed jisraq l-affarijiet propjeta’ tieghu, u f’dan il-kaz jidher ciar illi l-kaxxi jappartjenu lill-istess Ernest Grima.

Ukoll, kif irrimarkat mill-abbli difiza, bil-kwotazzjoni taghha mill-Carrara – l’animo l’ultro huwa nieqes.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet lilu kollha addebitati, se mai, l-imputat seta' jigi akkuzat bi pletora ta' reati ohra, izda zgur mhux dan u ta' dan qatt ma' jista jigi akkuzat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------